



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 14 ta' Ottubru 2019
(OR. fr)

12968/19

COAFR 205
CFSP/PESC 772
COHOM 116
COHAFA 86

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 14 ta' Ottubru 2019

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 12666/19

Suġġett: Il-Kamerun

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (14 ta' Ottubru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kamerun, adottati fit-3720 laqgħa tal-Kunsill, li saret fl-14 ta' Ottubru 2019.

Il-Kamerun**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

1. L-UE tilqa' l-waqfien tal-prosekuzzjoni quddiem il-qراطي militari kontra s-Sur Maurice Kamto u s-sostenituri tal-partit tiegħu, il-"Mouvement pour la Renaissance du Cameroun" (Moviment Favur ir-Rinaxximent tal-Kamerun), kif ukoll kontra persuni arrestati u miżmuma fil-kuntest tal-kriżi fir-reġjuni tal-Majjistral u tal-Lbiç. Dawn id-deċiżjonijiet jirrappreżentaw ġest paċifiku importanti.
2. Tliet snin wara li faqqgħet il-kriżi, l-organizzazzjoni reċenti ta' djalogu nazzjonali f'Yaoundé offriet l-ewwel opportunità biex jinfetħu prospettivi għal ħruġ sostenibbli mill-kriżi. L-UE tappella biex ikompli dan il-proċess sabiex jinstabu tweġibiet għall-aspettattivi leġittimi tal-popolazzjoni, filwaqt li tissaħħaħ l-inklużività tal-atturi kkonċernati kollha, interni kif ukoll tad-dijaspura, inkluż in-nisa, iż-żgħażaġh u s-soċjetà ċivili.
3. L-UE tfakkar fl-importanza tar-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-libertajiet fundamentali għaċ-ċittadini tal-Kamerun. L-UE ser tkompli tappella lill-awtoritajiet u lill-istituzzjonijiet tal-Kamerun biex jaġixxu b'mod proporzjonat, filwaqt li jirrispettaw l-obbligi li jirriżultaw mill-Konstituzzjoni tal-Kamerun u t-trattati u l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem li għalihom issottoskriva l-Kamerun. B'mod partikolari, il-prinċipju tal-aċċess għall-ġustizzja u d-dritt għal proċess ġust quddiem qorti indipendenti għandhom jiġu rrispettati. Quddiem restrizzjoni inkwetanti tal-ispazju politiku, l-UE tikkunsidra li r-rispett għal-libertà tal-assemblea, il-libertà tal-espressjoni u l-involviment tas-soċjetà ċivili fid-dibattitu pubbliku huma essenzjali għal kull Stat demokratiku u pluralistiku. Għaldaqstant, l-UE tappella biex l-oppożizzjoni kollha tal-Kamerun tkun tista' tesprimi ruħha b'mod liberu, skont il-liġi, u tipparteċipa mingħajr xkiel fil-proċess ta' djalogu nazzjonali u fl-elezzjonijiet muniċipali u leġislattivi previsti għall-2020.

4. L-UE tibqa' mħassba u tikkundanna bil-qawwa l-persistenza tal-vjolenza u n-nuqqas ta' sigurtà fir-reġjuni tal-Majjistral u l-Lbiċ tal-Kamerun, b'mod partikolari fil-konfront tal-popolazzjoni ċivili. Għadhom qed jiġu rrappurtati bosta każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u żviluppat kriminalità predatriċi. Kif indika l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, twettqu abbużi serji, inkluż arresti u detenzjonijiet arbitrarij, ħruq ta' djar, użu eċċessiv tal-forza kontra persuni ċivili u vjolenza sesswali. Il-kriżi umanitarja marret għall-agħar, li wasslet biex aktar nies jisfgħu eżiljati, bi kważi 42 000 refuġjat fin-Niġerja u 530 000 persuni spostati internament fir-reġjuni tal-Majjistral u tal-Lbiċ. Is-sitwazzjoni ekonomika ġiet affettwata ħafna wkoll.
5. L-UE tfakkar fir-responsabbiltà ewlenija tal-awtoritajiet tal-Kamerun li jiproteġu l-popolazzjoni u s-sigurtà. Għandu jiġi żgurat l-aċċess għall-atturi umanitarji u l-persunal tas-saħħa għall-popolazzjonijiet affettwati. Il-ġlieda kontra l-impunità u l-kumpens għall-vittmi kollha għandha tiġi żgurata wkoll.
6. L-użu tal-vjolenza f'dawn ir-reġjuni ma jipprovdi soluzzjoni. L-UE ttenni l-ħtieġa li l-atturi kollha tal-Kamerun jirrispettaw l-istat tad-dritt u jsolvu din il-kriżi b'mod paċifiku permezz ta' dialogu inklużiv. F'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali tagħha u tar-reġjun, l-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi kollha, bħal pereżempju l-faċilitazzjoni mmexxija mill-awtoritajiet Żvizzeri, li jistgħu jsaħħu din id-dinamika.

7. Barra minn hekk, l-UE ġġedded l-impenn tagħha favur l-iżvilupp ekonomiku u l-istabbiltà tal-Kamerun bħala sieħeb f'salib it-toroq bejn is-Sahel u l-Afrika Ċentrali u attur importanti fil-ġlieda kontra Boko Haram u favur il-proċess ta' paċi fir-Repubblika Ċentru-Afrikana. It-titjib tal-istabbiltà tal-Kamerun ser jgħin biex tissaħħaħ din il-kooperazzjoni, inkluż fid-dimensjonijiet tagħha kummerċjali u tal-investment. L-UE tittama li l-Kamerun isib il-modi u l-mezzi għal qawmien nazzjonali li għandu jwassal għal rikonċiljazzjoni dejjiema li l-pajjiż tant għandu bżonn.
 8. L-UE ser tibqa' impenjata li tindirizza l-ħtiġijiet umanitarji tal-popolazzjonijiet affettwati u ttenni l-importanza li jiġi żgurat aċċess umanitarju sikur u bla xkiel għat-territorju kollu.
-